MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 153/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Angelo Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Angelo Pace talli fl-4 ta’ Marzu 2003 gol-fond ‘Breathless’, Triq il-Helsien, Qormi:

1) sawwat b’oggetti ibsin lil Mary Pace u kkagunalha feriti ta’ natura ħafifa;
2) heddidha bi hwejjeg ibsin, jew waddabhom fid-direzzjoni ta’ l-istess martu Mary Pace;
3) hebb ghal Mary Pace sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha hsara;

4) ghamel ingurji jew theddid lil Mary Pace mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-kodici;
5) offenda lill-istess Mary Pace bi kliem oxxenn li jnaqqsilha r-reputazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti li hemm fl-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Gunju 2004 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Angelo Pace mhux ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu, iżda sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Angelo Pace tat-13 ta' Lulju 2004 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti (1) thassar is-sentenza appellata, tiddikjaraha nulla u tirrimetti l-process quddiem l-ewwel Qorti sabiex ikomplu jinsetmghu l-provi, (2) alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni u tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-erba' imputazzjonijiet l-ohra u tilliberah minnhom ukoll, u (3) fin-nuqqas, tirriforma l-piena nflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel aggravju;

Ikkunsidrat:

Permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu l-appellant qieghed bazikament jikkontendi li s-sentenza appellata hija nulla peress li huwa ma nghatax l-opportunita` li jixhed fil-kaz *de quo* u li dan kien rizultat tal-fatt li l-ewwel Qorti ddifferiet din il-kawza biex tinstema' kontestwalment ma' kawzi ohra kontra l-istess appellant (allura imputat) u l-ewwel Qorti "tfixklet u kkonkludiet illi l-appellanti qal li jaghzel li ma jixhidx" meta dan jichdu kategorikament. L-appellant jilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti semghet ix-

xiehda ta' Owen Pace, guvni ta' sbatax-il sena, privatament fis-sigrieta tal-Magistrat sedenti u b'hekk ma kienx hemm l-opportunita` li ssir kontro-ezami tieghu.

Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li fiha gie ndikat li f'din il-kawza partikolari xehdu Mary Pace, P.C. 896 Zammit u Owen Pace. Oltre dan gie dikjarat li l-imputat "ghazel illi ma jixhidx". Sfortunatament minn ezami li din il-Qorti ghamlet ta' l-atti tal-process minn imkien ma jirrizulta xi verbal fis-sens li l-imputat ghazel illi ma jixhidx u lanqas ma jirrizulta xi verbal li jaghti r-ragunijiet ghaliex l-ewwel Qorti dehrilha opportun li tisma' lil Owen Pace privatament u mhux fl-Awla.

Il-kronologija tal-kawza kif rizultanti mill-atti huwa dan: L-ewwel zewg seduti ( dik tas-17 ta' Gunju 2003 u dik ta' l-4 ta' Lulju 2003) jidher li saru inutilment peress li l-avukat difensur ta' l-appellant ma deherx. Saret imbaghad seduta fil-25 ta' Lulju 2003 u mill-verbali tax-xiehda jidher li kien hemm mill-inqas erba' kawzi li fihom kien involut l-appellant ("Case Nos. 38 - 41"). Skond il-verbal tal-25 ta' Lulju 2003 (a fol. 5) xehdu kemm l-appellant kif ukoll Mary Pace u diversi xhieda ohra li x-xiehda taghhom ma tidhirx li hija rilevanti ghall-kaz odjern. Mary Pace xehdet dwar tliet incidenti separati u hemm verbal tax-xiehda taghha differenti ghal kull kaz (a fol. 9 sa 10, a fol. 11 sa 13, u a fol. 14 sa 15). Rigward l-appellant il-verbali tax-xiehda tieghu jirreferu ghal zewg incidenti li ma jinkludux dak in kwistjoni (a fol. 16 sa 18 u a fol. 19 sa 21). Skond l-istess verbal tal-25 ta' Lulju 2003, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Settembru 2003. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa erroneju peress li min-notamenti tal-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti fil-margini tac-citazzjoni hemm imnizzel "Mary Pace" u taht dan l-isem "diff. 2.9.03 ghal pulizija". Ghalhekk jidher li r-raguni li l-appellant ma xehedx fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2003 kienet li l-prosekuzzjoni kienet ghadha ma ghalqitx il-provi taghha. Verbal tat-2 ta' Settembru 2003 pero` ma giex inserit fil-process u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tkun taf jekk dik is-seduta saritx u, jekk saret, x'sehh fiha. In-noti fil-margini tac-citazzjoni mhumiex ta' utilita` f'dan ir-rigward peress li jindikaw biss lista ta' nies li presumibilment xehdu izda bla

indikazzjoni ta' meta xehdu. Il-verbal sussegwenti difatti huwa dak tat-2 ta' Ottubru 2003 fejn il-kawza jidher li giet differita ghas-sentenza ghat-18 ta' Novembru 2003 bil-fakolta` li l-partijiet jaghmlu nota. Fl-atti nsibu tliet noti ta' sottomissjonijiet tal-parte civile, li wahda minnhom tirreferi ghall-kaz in kwistjoni ta' l-4 ta' Marzu 2003 (a fol. 36) izda mbaghad insibu biss zewg noti responsivi ta' l-appellant u li l-ebda wahda minnhom ma tinkludi riferenza ghal dan il-kaz. Terga' u tghid, fin-nota tal-parte civile dwar dan il-kaz, hemm referenza ghal dak li xehed Owen Pace meta l-appellant qieghed jallega li dan Owen Pace (li jigi iben l-appellant u l-parte civile) xehed privatament! Il-kawza baqghet tigi differita ghas-sentenza izda mbaghad insibu verbal tad-29 ta' April 2004 mnejn jirrizulta li xehed Dr. Francis Borg izda m'hemmx traskrizzjoni tax-xiehda tieghu u mill-gdid differiment ghas-sentenza li nghatat fit-30 ta' Gunju 2004.

Din il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni li l-ewwel Qorti sabet ruhha fiha fis-sens li, minhabba diversita` ta' kawzi fejn kienu involuti l-istess partijiet, kien opportun li dawn jinstemghu fl-istess jum (aktar milli kontestwalment). Izda mbaghad il-verbali u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda ghandhom jirrispekkjaw il-kawzi rispettivi u mhux jigi inserit kollox, rilevanti u mhux, fl-atti ta' kull process. Imbaghad f'dan il-kaz hemm il-verbal tat-2 ta' Settembru 2003 nieqes meta dan seta' tefa' aktar dawl fuq l-andament tieghu. F'dawn ic-cirkostanzi u in vista tal-fatt li la hemm xiehda traskritta ta' l-appellant ghar-raguni li, kif diga` osservat, meta xehed fil-25 ta' Lulju 2003 il-prosekuzzjoni ma kinitx ghadha ghalqet il-provi taghha, u inoltre lanqas ma saret xi nota risponsiva ghan-nota tal-parte civile dwar il-kaz in ezami, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li jirrizulta inekwivokabilment li l-appellant ma riedx jixhed f'dawn il-proceduri, u l-ewwel Qorti probabilment ikkonkludiet kif ikkonkludiet peress li ma kienx xehed fil-25 ta' Lulju 2003 dwar dan il-kaz.

Dwar ix-xhud Owen Pace, issir referenza ghas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 646 tal-Kap. 9 li jipprovdi li, bla hsara ghad-disposizzjonijiet sussegwenti ta' dak l-artikolu (li mhumiex applikabbli ghall-kaz *de quo*), "ix-xhieda

ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-qorti u *viva voce*". Inoltre s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 633 tal-Kap. 9 jipprovdi ghad-diskrezzjoni tal-Qorti li tiehu qies tal-grad ta' qrubija ta' xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri li kieku ma jixtieqx jixhed kontra qaribu (f'dan il-kaz iben l-appellant), "biex ma ggeghelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li ma jixhedx kontra persuna li tigi minnu f'xi wiehed jew iehor mill-gradi" msemmija f'dan is-subartikolu. Is-soluzzjoni certament mhijiex li x-xhud jinstema' "privatament".

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tilqa' l-appell ghar-revoka tas-sentenza appellata, u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------